MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 423/2004

**Charlot Gauci**

**Vs**

**International Sales Direct Company Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ mitejn u tletin lira Maltin (Lm230) rapprezentanti flejjes imhallsa lis-socjeta’ konvenuta bhala prezz ta’ *dinner set*, liema *dinner set* gie rritornat lil u accettat mis-socjeta’ konvenuta u dan wara li l-kuntratt ta’ bejgh relattiv gie debitament rexizz.

Ra r-Risposta fejn is-socjeta' konvenuta tghid li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi l-kuntratt ta' bejgh ma gie bl-ebda mod rexizz, anzi l-partijiet ftiehmu li d-*dinner set* in kwistjoni kellu jigi sostitwit bi prodott iehor, liema prodott gie michud mill-atturi meta kellha ssir il-konsenja tieghu.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Donatella Falzon li tghix ma' l-attur, li b'gurament tghid li wara li ddecidew li jbiddlu d-*dinner set* li kienu xtraw minghand International Sales Direct Company Limited ma' *vacuum cleaner*, id-deliveryman qal li kien se jiehu kollox lura, u jaghtiha karta b'konferma li ha kollox lura biex hi tigbor il-flus kollha. Madanakollu tghid li meta marret biex tigbor il-flus, il-kumpanija rrifjutat li ttiha l-flus.

Ra x-xhieda ta' l-attur fejn jghid li kien prezenti max-xhud u jikkonferma dak kollu li qalet.

Ra x-xhieda ta' Rita Borg, direttrici tas-socjeta' konvenuta, li tikkonferma li Charlot Gauci huwa klijent ta' International Sales Direct Company Limited, u li xtara *dinner set* fl-14 ta' Frar, 2003. Wara tmien xhur mill-konsenja, l-attur talab li jbiddel il-prodott. Ghalkemm il-policy tal-kumpanija hija li ma jbiddlux prodotti, t-talba tal-klijent, Charlot Gauci, giet accettata, u dan minghajr l-ebda raguni partikolari ghala kien se jsir it-tibdil. Meta d-deliveryman mar ghand l-attur sabiex jigbor id-*dinner set* bi ftehim li jigi sostitwit ma' prodott iehor, liema prodott kellu jkun *vacuum cleaner* 'Rosalinda', sab li l-kaxxa tad-*dinner set* kienet miftuha. Id-deliveryman m'ghandux l-awtorita' li jiftah prodott gdid, izda dan ghandu jaghmlu rapprezentant iehor tal-kumpanija, allura cahad it-talba ta' l-attur li jiftah il-prodott il-gdid. Wara dan, il-mara ta' l-attur insistiet li d-deliveryman jiehu kollox lura, u li ma riedet xejn hlief il-flus taghha lura. Id-direttrici min-naha taghha nsistiet li l-klijent jekk ma hax it-tieni kaxxa kellu jiehu l-ewwel kaxxa u ma setghetx taghti flus lura.

Ra x-xhieda ta’ Raffaella Attard li tahdem bhala salesgirl mal-kumpanija International Sales Direct Company Limited. Hija marret ghand l-attur u wriet is-samples lill-attur u lil martu, li ddecidew li jixtru d-*dinner set*. Hija kienet ir-rapprezentant tal-kumpanija li kellha tmur tiftah il-kaxxa ta’ prodott sabiex taghti demonstrazzjoni ta’ kif jahdem il-prodott, u kif ukoll biex il-garanzija tibda topera minn dakinhar. Hija fethet is-sigill ta’ fuq it-tape izda ma fethitx il-kaxxi ta’ gewwa, b’talba tal-mara ta’ l-attur. Tikkonferma dan meta d-deliveryman staqsiha jekk kienetx fethet il-kaxxa. Wara li s-sidien laqghu t-talba li jsir it-tibdil tad-*dinner set* ma’ *vacuum cleaner* ‘Rosalinda’, mart Charlot Gauci qalet li ma riedithiex ir-‘Rosalinda’, u dan minghajr ma nghatat ebda raguni.

Ra x-xhieda ta’ Johann Laferla, d-deliveryman in kwistjoni. Jikkonferma li kien hemm kollox ippakkjat fil-kaxxa tad-*dinner set* ghalkemm kienet miftuha. Jikkonferma wkoll li cahad li jiftah il-kaxxa l-gdida. Jghid li bi ftehim ma’ Charlot Gauci, l-attur, kien se jigbor iz-zewg kaxxi – tar-‘Rosalinda’ u tad-*dinner set*, u r-rapprezentant tmur f’data ohra bir-‘Rosalinda’, tiftahha hi stess, kif ukoll issir demonstrazzjoni ta’ kif tahdem.

Ra x-xhieda ta’ Godfrey Gatt, Marketing Manager tas-socjeta’ konvenuta. Jghid li pprova jsolvi l-kwistjoni. Huwa cempel lill-attur fl-istess gurnata li d-deliveryman mar bir-‘Rosalinda’ ghandu. Huwa ddiskuta l-affari ma’ l-attur u meta kwazi lahqu krompromess, mart l-attur ikkontradixxiet dak li kien qed jghid ftit qabel ir-ragel, barra li nsulentat, tkellmet hazin u qatghet it-telefon.

**Ikkunsidra**

Illi l-attur talab il-hlas ta’ mitejn u tletin lira Maltin (Lm230) prezz ta’ *dinner set* ghaliex sostna li d-*dinner set* gie rritornat u l-bejgh rexizz. Is-socjeta’ konvenuta qalet li l-bejgh ma giex rexizz izda kien hemm ftehim li flok id-*dinner set* l-attur jiehu prodott iehor. Meta l-prodott l-iehor inghata lill-attur, l-attur irrifjuta li jaccetta dan il-prodott. Illi gie ppruvat li d-*dinner set* inghata lura. (Ara Dok. CG a fol 18 tal-process). Illi l-verzjoni tas-socjeta’ konvenuta li

tghid li kienet accettat li tiehu d-*dinner set* lura jekk l-attur jiehu prodott iehor hija kredibbli. Dan gie kollox spjegat fl-Ittra ta' l-avukat tas-socjeta' konvenuta datata 19 ta' Dicembru, 2003. Fil-fatt mid-dokumenti esebiti jirrizulta li s-socjeta' konvenuta harget l-invoice in konnessjoni mar-'Rosalinda' li kellha tinxtara minflok id-*dinner set*. Illi f'dan il-waqt ghalkemm is-socjeta' konvenuta hadet id-*dinner set* lura dan kien suggett ghall-ftehim liema ftehim ma giex onorat mill-attur. Ghalhekk id-*dinner set* ghadu proprjeta' ta' l-attur. Illi anki Donatella Falzon qalet li l-ftehim kien li minflok id-*dinner set* huma kienu ser jixtru *vacuum cleaner*. (Ara xhieda a fol 15 tal-process para. 1).

Illi ghalhekk billi t-Tribunal mhux konvint li sar ftehim li s-socjeta' konvenuta taghti l-flus lura, t-talba ta' l-attur ghandha tigi michuda. Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------